# REĠJUN TRAMUNTANA

**112 Triq Ġulju, Buġibba, San Pawl il-Baħar SPB 2617, Malta.**

**Laqgħa tar-Reġjun Tramuntana numru 116, miżmumha nhar 11 ta' Setembru 2019, ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tar-Reġjun Tramuntana.**

Il-Laqgħa bdiet fis-seba' neqsin kwart ta' fil-għaxija.

---

Preżenti

Membri Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| Anton Mifsud | | President |
| Romilda Baldacchino Zarb | Mosta LC | Membru |
| Raymond Schembri | Dingli LC | Membru |
| A.M.Muscat Fenech Adami | Naxxar LC | Membru |
| Mary Ann Abela | Swieqi LC | Membru |
| Dean Hili | Pembroke LC | Membru |
| Abraham Aquilina | Għargħur LC | Membru |
| Daryl Connor | San Pawl il-Baħar | Membru |
| Christianne Mifsud | Mtarfa LC | Membru |

Membri Skużati:

| | | |
|---|---|---|
| Peter Sant Manduca | Mdina LC | Member |
| John Buttigieg | Mellieħa LC | Membru |
| Paul Vella | Mġarr LC | Viċi-President/Membru |
| Matthew Chetcuti | Rabat LC | Membru Delegat |

Is-Segretarju Eżekuttiv – George Abdilla



Tel. 21572770, 21572772 – Fax 21572769 – E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

## AĠENDA

115.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

115.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

115.3 Komunikazzjoni mil-President;

115.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Membri;

115.5 Rapporti;

a. Bord tal-ingaġġ

115.6 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tar-Regjun li jkunu meħtieġa; -

a. Presentation web app for region
b. Presenation Leap centers (Chris grima, Elaine Attard and Nathalie Grima)
c. Chamber of Planners ( Anthony ellul)
d. Cif update
e. NGO's cooperation plan
f. Region festivals proposals
g. EU projects – expressions of interest
h. Naomi Macdonald (Trees in region proposal)
i. EU Regions and Councils Open week – October 2019

115.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

115.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-Laqgħa nfetħet mill-president Anton Mifsud.

Il-President tar-Reġjun fetaħ il-laqgħa billi rringrazzja lil membri ta' l-attendenza.



Tel. 21572770, 21572772 – Fax 21572769 – E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

## 1. Qari ta’ Apologiji

Is-Sur Peter Sant Manduca kien skuzat minħabba l-laqgħa tal-Kunsill.

## 2. Qari u approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tal-laqgħa 115 ittieħdu bħala moqrija.

Mary Ann Abela, issekondata minn Abrham Aquilina, ipproponiet li l-minuti tal-laqgħa 115 ikunu approvati. Il-membri qablu unanimament.

Anton Mifsud staqsa fuq it-tender ta’ l-iskart organiku proponut fl-aħħar laqgħa. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li ser isejjaħ laqgħa mas-Segretarji Eżekuttivi kollha sabiex ikun jista jibda il-proċess u jfassal tender skont il-bżonnijiet lokali individwali.

Fuq il-byelaw proposta, is-Segretarju Eżekuttiv spejga li kien beda il-proċess ma l-avukat.

Christmas Choir Festival – is-Segretarju Eżekuttiv spejga li kien ippublika t-tender għas-servizz biex isir Christmas choir festival reġjonali, tali tender ikun ikopri l-ispiża kollha sabiex jitella. Dan it-tender jalaq iktar tard f’Settembru.

Is-Segretarju Eżekuttiv intalab jikteb ittra lil-Lesa sabiex jitlob li r-Reġjun ikollu rapresentanza fuq il-bord tal-Lesa.

Blood Donation Day – Id-data tas-6 ta’ Ottubru 2019 hija kkonfermata. Ser tintbagħt iktar informazjoni lil Kunsilli.

Workforce tar-Reġjun – is-Segretarju Eżekuttiv spjega li qiegħed jara kif din tista isseħħ.



Tel. 21572770, 21572772 – Fax 21572769 – E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

80 Il-President staqsa rigward il-porposta tas-siġar li kient saret mil NGO fil-laqgħa preċendenti  Is-Segretarju spejga li kien iltaqa mas-Sinjorina Naomi McDonald u kellu iktar informazzjoni.  Il-president talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jikomunika mal-Kunsilli kollha u tingħata data biex iwieġbu lura bl-interess tagħhom.

## 3. Komunikazzjoni mill-President

Il-President semma li xi Kunsilli kienu staqsewh jekk ir-Reġjun hux ser jerġa jalloka xi għajnuna għal Kultura. Huwa propona, li ir-Reġjun jgħin finanzjarjament lill-kunsilli bis-somma ta’ 6000 ewro, (500 ewro għal-kull Kunsill) li tali fondi jintużgħu biex issir il-promozjoni ta’ l-attivitajiet kulturali tal-Kunsilli, attivitajiet li jittellaw bejn Ottubru 2019 u Settembru 2020.  Huwa talab li biex dan isseħħ, il-Kunsill irrid idaħħal l-emblema tar-Reġjun u din tingħata l-istess prominenza bħal tal-kunsill fir-reklamar li jsir. Talab ukoll li il-Kunsill jagħti faċċata lir-Reġjun fil-fuljett tal-Kunsill, jew il-publikazzjoni annwali, sabiex ir-Reġjun jkun jista’ jwassal il-messaġ tiegħu liċ-ċittadini kollha tar-Reġjun.  Il-proposta kienet isekondata minn Romilda Baldachino Zarb.   Il-Membri kollha qablu mal-proposta.

Il-President ħabbar li għaż-żjara ta’ Open Week fi-Brussel kien hemm numru ta’ membri li urew interess.  Is-Segretarju Eżekuttiv kien organizza it-tlugħ bil-polza ta’ min ser jintagħżel.  Għalijha kien hemm presenti il-President u s-Segretarju Eżekuttiv, kif ukoll is-sinjuri Kristina Camilleri, Christianne Mifsud u Shawn Tanti.  Il-membri kollha li urew interess kienu mistiedna.  Kristina Camilleri tellet il-polza tal-membri eletti, u telet is-sinjorina Christianne Mifsud.  Shawn Tanti, tella’ il-polza tal-membri ta’ l-administrazjoni u telet is-sinjorina Kristina Camilleri.  Din pero ma kinietx aċċettata mid-Dipartiment għax dawn ma riedu lill ħadd mir-Regjun jattendi avolja orġinarjament kienet biss teskludi lil-President u lis-Segretarju Eżekuttiv.  Minflok ser jitla Shawn Tanti lli kien il-membru li jmiss.



Tel. 21572770, 21572772 – Fax 21572769 – E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

Hawnhekk is-Segretarju Eżekuttiv qal li hu ser jitla ma Ansek, u staqsa jekk hux possibli li-Regjun xorta jibghat lis-sinjorina camilleri. Il-President qabel u propona li-regjun jibghat lil Kristina Camilleri għal din l-esperjenza. Romilda Bvaldachino Zarb issekondat il-mozjoni. Il-membri qablu unanimament.

Mozjonijiet:

Il-president Anton Mifsud ippresenta mozzjoni biex jaghti appoġġ lil-kunsilli primarjament ta' Pembroke u Swieqi, kif ukoll San Giljan avolja dan mhux parti mir-Reġjun. Saret diskusjoni u kien hemm qbil li tintuza il-mozzjoni li intuzat mil-AKL, izda rifolmulata għar-Reġjun.

Abraham Aquilina, ippropopna li l-mozzjoni tkun approvata. Romilda Baldacchino Zarb issekondat il-mozzjoni. Il-membri qablu unanimament li r-Reġjun joħroġ din il-mozzjoni.

Saret ukoll mozjoni biex jingħata sapport lil-Kunsill tar-Rabat fil-ġlieda tieghu biex numru ta' djar fis-Saqaajja ikun skedati. Il-mozjoni timxi fuq ir-rapport magħmul mill-Perit tal-Kunsill tar- Rabat.

Daryl Connor ippropona li din il-mozzjoni tkun approvata. Kien issekondat minn Mary Ann Abela. Il-membri qablu unanimament.

Is-Segretarju Eżekuttiv intalab jibagħt il-mozjoinijiet lill PA u lill media.

Il-laqgħa twaqfet fit-tmienja biex issir presentazjoni mill-Foundation of Welfare Services. Reġet tkompliet fit-8.30.

Il-president qal li kien mistieden mil-Kunsill tar-Rabat għal Jum ir-Rabat, fejn ta' diskors zgħir u tekllem fuq l-andament tar-Reġjun. Tkellem ukoll fuq il-proġett Y-Engage li kien milquh tajjeb ħafna.



Tel. 21572770, 21572772 – Fax 21572769 – E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

## 4. Rapporti

## 5. Korrispondenza

Is-Segretarju Eżekuttiv intalab jikteb l-iskejjel kollha u jitlob li jitqassmu hemm il-fuljetti tal-Y-Erngage, kif ukoll jitlob li r-Reġjun jingħata ċans jagħżel espożizzjoni zħira fuq ir-Reġjun.

Waste tender

L-AKL talbet biex il-Kunsilli Lokali jagħtu il-frekwenza tal-ġbir ta' l-iskart kif ukoll fejn u kif qed jinġarar f'dawk il-lokalitajiet li ma jinġabarx bħal l-iskeda Nazzjonali; jekk hemmx kuntrattur wieħed jew iktar, jekk hux qed issir separazzjoni; u jekk il-knis għandux jiġi integrat fl-istess kuntratt;

Is-sistema ta' l-iskart għadha tgħaddi għand ir-Reġjuni skont il- liġi presenti. Il-Membri talbu lis-Segretarju Eżekkuttiv jitlob lil Onerovli Parnis jattendi l-laqgħa u jispejga is-sistema.

Il-membri talbu u qablu li l-president għandu jkun presenti fi kwalunkwe laqgħa fejn qed ikun diskuss it-tender ta' l-iskart.

Is-Sinjura Anne Marie Muscat Fenech Adami talbet li jkun hemm talba lill Lesa biex ikun hemm iktar Eco Wardens fil-Lokalita.

85

## 6. Approvazzjoni tal-Pagament



Tel. 21572770, 21572772 – Fax 21572769 – E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta l-iskeda tal-pagament numru 115. Christianne Mifsud ipproponiet, u Anne Marie Muscat Fenech Adami issekondat li l-skeda tkun approvata. Il-membri qablu li l-iskeda tkun approvata.

## Affarijiet oħra

Is-Sinjuri Daryl Connor u Christianne Mifsud ser iservu bħala evaluators fuq it-Tender tal-Christmas Choir Festival.

## Aġġornament.

Il-Laqgħa ntemmet fl-għaxra ta' fil-għaxija.

Il-Laqgħa li jmiss ser tkun fis-16 ta' Ottubru 2019, fis 18.30 hrs, fl-uffiċċju Amministrattiv tar-Reġjun. .

| | |
|---|---|
| Anton Mifsud | George Abdilla |
| President | Segretarju Eżekuttiv |

Approvati llum 16 ta' Ottubru 2019



Tel. 21572770, 21572772 – Fax 21572769 – E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt